

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 755/2010

Mobisle Communications Limited (C24655).

Vs

Daniela Marie Farrugia (Id. 584490M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' hames mija, tnejn u sebghin ewro u erba u ghoxrin centezmu (€572.24) minghand il-konvenuta, fir-rigward ta' servizzi lilha rezi fuq kuntratt bin-numru 449545 u dana fix-xhud ta' bejn is-sena 2007 u 2009. Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2010, fejn deheret l-attrici u ammettiet it-talbiet attrici kif dedotti kontra taghha.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-konvenuta stess, t-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta' hames mija, tnejn u sebghin ewro u erba u ghoxrin centezmu (€572.24), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------